0 1 NOV 2023

ĦAŻ-ŻABBAR
Citta` Hompesch

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar

## IT-TMINN LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 584**

**Il-Ħamis 28 ta' Settembru 2023**

Il-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar iltaqa' b'mod virtwali permezz ta' *Microsoft Teams*, fis-6.18 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Jorge Grech – Sindku
Bernice Farrugia - Viċi Sindku
Mark Grech – Kunsillier
Joseph Buttigieg – Kunsillier
Joseph Vella – Kunsillier
Angel Gwyn Louisielle Camilleri - Kunsilliera
Anna Calleja - Kunsilliera
Joseph Agius - Kunsillier
Patrick Barbara - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI**

Angelo Scicluna – Kunsillier
Ghislaine Bongailas Zahra - Kunsilliera

**ASSENTI**

Ma kien hemm ħadd assenti.

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Stephanie Testaferrata de Noto – Segretarju Eżekuttiv

## MINUTI

Is-Sindku ppresieda l-laqgħa.

### 584.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

584.1.1 Inqraw ittri ta' apoloġija mibgħuta mis-Sur Angelo Scicluna u mis-Sinjura Ghislaine Bongailas Zahra fejn talbu li jkunu skużati milli jattendu għal-laqgħa tal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li s-Angelo Scicluna u s-Sinjura Ghislaine Bongailas Zahra jkunu skużati.

### 584.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti

584.2.1 Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-minuti tal-583 laqgħa tal-Kunsill ġew unanimament approvati.

### 584.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

584.3.1 Fis-6.21 ta' filgħaxija il-Kaptan Patrick Barbara daħal għal-laqgħa.

584.3.2 Is-Sindku rrefera għal-laqgħa li kellu ma' uffiċjali mill-ERA, flimkien mal-President tal-AKL dwar il-*bring in sites* fil-lokalità. Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li l-ERA kienet qed tinsisti li l-Kunsill għandu jalloka aktar *recycling points* madwar Ħaż-Żabbar. Is-Sindku spjega li minħabba abbuż madwar ir-*recycling points*, f'Ħaż-Żabbar kienu ġew allokati tlett siti, filwaqt li lokalitajiet oħra kienu neħħew il-*bring in sites* kollha mil-lokalità. Is-Sindku qal li matul is-sena li għaddiet il-Kunsill kien qabel li jkun responsabbli mill-ispiża tal-kontijiet tad-dawl u tal-*internet* u anke biex jinġieb id-dawl sabiex jiġu nstallati tlett *CCTVs* madwar il-*bring in sites,* iżda wara reviżjoni tal-kontijiet ġie nnutat li kien hemm żieda sinifikanti fil-prezzijiet speċjalment tal-kuntratti u għaldaqstant issuġġerixxa li l-Kunsill ma jħallasx għal dawn l-ispejjeż. Is-Sur Mark Grech staqsa jekk fil-każ li l-Kunsill jiddeċiedi li ma jiffinanzjax l-ispejjeż, kienx ser jirriżulta għal aktar rimi madwar il-*bring in sites.* Is-Sindku żied jgħid li l-Kunsill m'għandu l-ebda dħul miċ-ċitazzjonijiet li ser jingħataw u kien fid-dover u l-obbligu tal-iskema tal-*bring in sites* jew tal-LESA li jħallsu għal dawn l-ispejjeż. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-infurzar ma kienx jaqa' taħt ir-responsabbilità tal-Kunsill u nfieq barra mill-mandat tal-Kunsill iwassal għal tnaqqis minn proġetti oħra, partikolarment avvenimenti kulturali, peress li l-obbligi essenzjali tal-Kunsill iridu jieħdu preċedenza, u potenzjalment jolqtu l-attivitajiet u s-servizzi kulturali tal-komunità. Barra minn hekk is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kien hemm żieda qawwija fuq il-vot tal-utilitajiet minħabba li l-Kunsill kien ikkommetta ruħu li jħallas il-kontijiet tad-dawl u l-ilma ta' diversi proġetti ġodda. Dawn il-kontijiet jinkludu l-proġetti tal-*Urban Greening* fi Triq Santa Duminka, Triq is-Santwarju u Triq Ġużeppi Pace. Fuq perjodu ta' xahrejn, dawn il-kontijiet ammontaw għal madwar €775. Barra minn hekk il-Kunsill ikkommetta ruħu li jħallas il-kontijiet tal-latrini pubbliċi u tal-proġett fi Triq il-Kunsill tal-Ewropa. Is-Segretarju Eżekuttiv irreferiet għall-

korrispondenza li l-Kunsill kien irċieva mingħand l-ERA dwar ir-regolament 10 (2) tar-Regolamenti dwar l-Iskart (L.S.549.63) li jistipola li l-Kunsill għandu jalloka spazju għall-provvediment ta' *recycling points* għal kull elfejn (2,000) abitant f'kull lokalità u li r-regolament jistipola li kemm il-darba l-Kunsill jonqos milli josserva din id-dispożizzjoni, jista' jkun suġġett għal penali. Is-Sindku qal illi l-Kunsill m'għandux iżid aktar siti. Is-Sur Mark Grech staqsa jekk il-Kunsill kienx ser imur kontra l-awtoritajiet. Il-Kaptan Patrick Barbara qal illi ħadd mir-residenti ma jrid *bring in sites* wara biebu. Is-Sindku qal li fil-futur viċin il-Kunsill kellu laqgħa oħra mas-CEO tal-ERA sabiex jispjega s-sitwazzjoni preżenti fil-lokalità. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li ma jidħolx għall-ispiża tal-kontijiet tad-dawl u l-internet tas-CCTVs madwar il-*bring in sites* u li jżidx aktar *recycling points* fil-lokalità.

584.3.3 Is-Sindku tkellem dwar it-tabelli tal-*one ways* li twaħħlu fiż-żona ta' Triq Santa Duminka. Is-Sindku spjega li dawn it-tabelli kienu twaħħlu minħabba li kienet qed issir il-kostruzzjoni ta' Triq Santa Duminka. Is-Sindku żied jgħid li l-Kunsill ma kienx ġie kkonsultat fl-ebda stadju u dawn it-tabelli kienu ħolqu kaos. Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li l-Kunsill kien bagħat jinforma lis-CEO ta' Infrastruttura Malta dwar dan u fil-jiem li ġejjin kien ser jiltaqa' mal-perit responsabbli mit-*traffic management* f'din iż-żona sabiex jiġi diskuss it-*traffic management*.

584.3.4 Dwar ix-xogħlijiet li qed isiru fi Triq il-Kunsill tal-Ewropa, is-Sindku qal li x-xogħol kien għaddej ġmielu u żied jgħid li kif titlesta din it-triq jinbeda x-xogħol ta' kostruzzjoni fi Triq il-Kbira.

584.3.5 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li matul il-ġimgħa li ġejja kien ser jinbeda x-xogħol preparatorju sabiex jitwaħħlu l-lampi ornamentali fil-*Housing Estate*. Dan ix-xogħol kien ser isir permezz tal-ħaddiema tar-Reġjun. Is-Sindku qal illi fil-ġimgħat li ġejjin mistenni jinbeda xogħol ta' manutenzjoni fil-*Housing Estate* permezz tal-kuntratt tal-manutenzjoni ta' toroq u xogħlijiet maġġuri ta' traqqiegħ li jagħtu aċċess u aċċess biss f'Ħaż-Żabbar (ZBR 2/2023). Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-kuntrattur kien għadu ma ġabx il-garanzija bankarja flimkien mad-dokumenti mitluba u għaldaqstant kien għadu ma ffirmax il-kuntratt.

584.3.6 Is-Sindku rrefera għat-tħawwil ta' siġar li kien ser isir fi Triq Wied il-Għajn u qal li l-Kunsill kien irċieva talba sabiex jieħu ħsieb it-tisqija u ż-żbir ta' dawn is-siġar. Dan il-ftehim għandu jibda sena wara minn meta jsir it-tħawwil ta' dawn is-siġar. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mill-Viċi Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li jaċċetta r-responsabbilità ta' dawn is-siġar kif mitlub. Is-Sindku talab li l-Kunsill ikun mistieden għaċ-ċerimonja meta jsir it-tħawwil ta' dawn is-siġar. Il-Viċi Sindku ssuġġeriet li l-Kunsill jieħu nota sabiex meta jkun ser jiskadi l-kuntratt għaż-żamma u l-manutenzjoni tas-siġar u s-*soft areas*, jinkludi wkoll dawn is-siġar.

584.3.7 Is-Sindku rrefera għall-korrispondenza mibgħuta mingħand *The Energy and Water Agency (EWA)* fejn il-Kunsill ġie mitlub jibgħat in-*no objection* tiegħu sabiex jiġu nstallati ic-*charging pillars* madwar il-lokalità. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li jibgħat jaċċetta il-postijiet kif propost mill-*EWA*.

584.3.8 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kunsill ġie mitlub mill-Kumitat għat-Tismija ta' Toroq jagħti isem ta' triq mingħajr isem uffiċjali fi Triq il-Kaħwiela. Is-Sur Joseph Buttigieg issuġġerixxa li tingħata l-isem Triq l-Isqof Darmanin. Is-Sinjura Anna Calleja ssuġġeriet li tingħata l-isem Triq it-Tabib Fenech. Is-Sindku qal illi il-Kunsill għandu lista ta' ismijiet pendenti u għaldaqstant għandu jintgħażel isem mil-lista. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li din it-triq tissema Triq Karmenu Bonavia – Storiku. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kunsill intalab ukoll sabiex jistabilixxi l-estensjonjijiet ta' Trejqet San Franġisk. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Mark Grech, il-Kunsill qabel unanimament li s-sezzjoni bejn Triq il-Kapuċċini u Triq il-Farfett tal-Fejġel, fuq in-naħa tal-lemin, għandha tkun uffiċjalment imsemmija 'Trejqet San Franġisk Numru 1'. L-isqaq li hemm fuq in-naħa tax-xellug, is-sezzjoni korrispondenti għandha jkollha l-isem 'Trejqet San Franġisk numru 2'.

584.3.9 Is-Sindku nforma li fil-21 ta' Settembru 2023 il-Kunsill kien organizza l-attività Merħba lill-Ħarifa bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Ċiviku fis-Sala tal-Kunsill. Is-Sindku qal li l-Kunsill kien ser ikopri n-nefqa assoċċjata max-xorb u l-ikel li nxtara.

584.3.10 Is-Sindku rrefera għall-korrispondenza fejn il-Kunsill ġie mitlub joġġezzja għall-iżvilupp PA/05163/23 minħabba li kien barra ż-żona tal-iżvilupp. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li jissottometti oġġezzjoni għal dan l-iżvilupp minħabba li dan l-iżvilupp kien ser isir f'żona barra l-iżvilupp.

584.3.11 Is-Segretarju Eżekuttiv irreferiet għall-iskema 'Fondi għall-Infurzar waqt l-Attivitajiet fil-Lokal' u nfurmat lill-membri preżenti li l-Għaqda Madonna tal-Grazzja Banda San Mikiel kienet ippreżentat kont tal-pulizija li jammonta għal €4,135.22 u talbu li jsir rifużjoni ta' dan il-kont pemezz ta' din l-iskema. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kunsill jista' jibbenefika minn €4,000 biss fis-sena. Barra minnhekk l-Għaqda Madonna tal-Grazzja Banda San Mikiel ma segwewx il-proċeduri kif mitlub mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsill Lokali. Dan peress illi l-kont għandu jitħallas mill-Kunsill u wara jintalab rimbors lir-Reġjun Port Is-Sindku spjega li r-Reġjun Port kienu ser iqassmu l-fondi li ma jintużawx mill-Kunsilli Lokali u għaldaqstant kien ser iressaq din it-talba direttament lir-Reġjun. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Mark Grech, il-Kunsill qabel unanimament li l-€4,000 jintużaw kif ġej; €1,000 mill-Għaqda Madonna tal-Grazzja, Banda San Mikiel, €1,000 mis-Società Filarmonica Maria Mater Gratiæ, €1,000 mill-Arċedjoċesi ta' Malta u €1,000 jitħalla għall-Kunsill sabiex jalloka din is-somma skont il-bżonn.

584.3.12 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-għaqdiet lokali kienu qed jibgħatu diversi kontijiet u dawn baqgħu ma tħallsux minħabba li l-Kunsill kien għadu ma ddeċidiex l-ammont li għandu jintefaq għall-attivitajiet bil-kollaborazzjoni magħhom. Is-Sindku talab lis-Sur Joseph Vella jipproponi ġurnata sabiex jiltaqgħu mal-għaqdiet lokali. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li riċentament il-Kunsill kien irċieva talba sabiex tiġi organizzata l-attivita' ta' *Halloween* bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill. Is-Sindku qal illi kien ser jiltaqa' mal-għaqdiet matul il-ġimgħa li ġejja.

584.3.13 Fis-7.37 ta' filgħaxija s-Sur Joseph Agius kellu problema teknika u ma baqax preżenti għal-laqgħa.

584.3.14 Is-Sindku ppropona li fil-25 t'Ottubru 2023 jiġi organizzat *Coffee Morning* fis-Sala Notre Dame għall-prezz ta' €5 u l-Kunsill iħallas għall-kiri tas-sala. Is-Sur Joseph Buttigieg issekonda l-proposta tas-Sindku u l-Kunsill qabel unimament li jorganizza *Coffee Morning.*

**584.4 Approvazzjoni tal-minuti tas-Sotto Kumitat**

584.4.1 Ma kienx hemm minuti tas-sotto kumitat.

**584.5 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti**

584.5.1 Fuq proposta tal-Kaptan Patrick Barbara li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill approva unanimament l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn l-24 t'Awwissu u t-28 ta' Settembru 2023 li kienet tammonta għal €47,871.76.

**584.6 Ingaġġ ta' skrivan/a (Skala 15)**

584.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet quddiem il-Kunsill ir-rapport tal-*interviews* li sar mill-Bord tal-Intervisti għall-Ingaġġ ta' Skrivan/a (Skala 15). Fid-deċiżjoni tiegħu l-Bord ikkonkluda li fl-opinjoni tiegħu 'Kandidata 'A' hija l-aktar kandidata adattata għal din il-kariga. Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Mark Grech, il-Kunsill qabel unanimament li 'Kandidat A' tiġi mpjegata mal-Kunsill bħala Skrivana (Skala 15).

**Ingaġġ ta' uffiċjal eżekuttiv (Skala 13)**

584.6.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet quddiem il-Kunsill ir-rapport tal-*interviews* li sar mill-Bord tal-Intervisti għall-Ingaġġ ta' Uffiċjal Eżekuttiv (Skala 13). Fid-deċiżjoni tiegħu l-Bord ikkonkluda li fl-opinjoni tiegħu 'Kandidata 'A' hija l-aktar kandidata adattata għal din il-kariga. Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Mark Grech, il-Kunsill qabel unanimament li 'Kandidat A' tiġi mpjegata mal-Kunsill bħala Uffiċjal Eżekuttiv (Skala 13).

**584.7 Deċiżjoni /Aġġudikazzjoni ta' offerti;**

- **Servizz ta' *Contracts Manager* (ZLC 2/2021)**

584.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil-Kunsill li l-kuntratt ZLC 2/2021 għas-servizz ta' *contracts manager* li l-Kunsill għandu mal-kumpanija *Yama Yami* kien ser jiskadi fit-30 ta' Settembru u l-Kunsill irid jiddeċiedi jekk iġedditx jew le dan il-kuntratt. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li jerġa' jġedded dan il-kuntratt għal sena oħra addizzjonali bl-istess rati u kundizzjonijiet.

584.7.2 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri preżenti li l-kuntrattur responsabbli mill-knis fit-toroq kien qed jiġbor il-materjal tal-knis mit-toroq fil-boroż suwed minkejja li l-kuntratt jistipola ċar li m'għandhomx jintużaw boroż suwed. Din il-kwistjoni kienet waslet għal inkonvenjent sinifikanti hekk kif il-boroż suwed kienu qed jitħallew fit-toroq. Dan peress illi l-kollettur responsabbli mill-ġbir tal-iskart kien qed isostni li l-boroż kienu tal-kenniesa filwaqt li l-kuntrattur responsabbli mill-knis fit-toroq kien qed isostni li l-boroż kienu tal-iskart. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kienet avviċinat lill-*contracts manager* jikkonferma ta' min kienu l-boroż, iżda l-*contracts manager* kien irrifjuta li jiftaħ il-boroż tal-iskart. Barra minnhekk, il-kuntrattur responsabbli mill-knis kien irrifjuta li jiġbor il-boroż tal-knis matul il-ġranet tal-festa tal-Madonna tal-Grazzja u ħallihom fit-toroq. Dawn il-boroż kellhom jinġabru mill-kuntrattur responsabbli mill-ġbir tal-iskart u mill-*Cleansing Department* minħabba li kienet ser tgħaddi l-purċissjoni. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Mark Grech, il-Kunsill qabel unanimament li jitlob lill-kuntrattur responsabbli mill-knis fit-toroq sabiex jirregola ruħu fi żmien għaxart ijiem u jaderixxi mat-termini tal-kuntratt, li jipprojbixxi espliċitament l-użu tal-borża s-sewda u li fin-nuqqas ta' konformità mat-termini tal-kuntratt fiż-żmien stipulati, tiġi mposta penali.

- Xiri u installazzjoni ta' *bollards* fl-ex-venda fi Triq is-Santwarju

584.7.3 Is-Sindku tkellem dwar il-ħtieġa li jiġu nstallati *bollards* maż-*zebra crossing* li hemm fl-ex-venda fi Triq is-Santwarju biex tiġi żgurata s-sigurtà tal-*pedestrians* li jkunu qed jaqsmu, kif ukoll il-ħtieġa li jiġu salvagwardjati s-sistema ta' irrigazzjoni tas-siġar. Dan peress li l-vetturi kienu qed jirriversjaw fuqhom. Is-Sindku qal li l-perit li kien responsabbli mill-proġett kien bagħat stima li tammonta għal madwar €11,200 sabiex isiru tlieta u għoxrin ( 23 ) *bollard*. Is-Sindku żied jgħid li l-Kunsill diġa kellu numru ta' *bollards* u li kulma kien hemm bżonn jinxtara kien il-bażi ta' fejn jeħlu l-*bollards* biex ikunu jistgħu jinqalgħu u jitpoġġew skont il-bżonn, u katina. Dan ix-xogħol kien ser isir permezz tal-ħaddiema tar-Reġjun Port.

**584.8 Ittri legali**

584.8.1 Ma kienx hemm ittri legali.

**584.9 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

584.9.1 Il-Viċi Sindku talbet li titneħħa tabella tal-*one way* bejn Triq Santa Duminka u Triq Bieb is-Sultan. Is-Sindku qal illi din it-tabella ma setgħetx titneħħa qabel ma ssir ir-*roundabout*.

584.9.2 Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi fit-23 ta' Novembru 2023 kien ser jorganizza ħarġa għall-anzjani fin-Nigret Night Club.

584.9.3 Is-Sinjura Anna Calleja talbet li jsiru *stop signs* fi Triq il-Karmnu kantuniera ma' Triq Lia.

584.9.4 Is-Sinjura Anna Calleja rreferiet għaż-żewġ mixjiet sabiex jitqajjem għarfien dwar il-mard mentali u l-mard tal-kanċer tas-sider. Is-Sinjura Anna Calleja ħeġġet lill-Kunsillieri sabiex jipparteċipaw.

584.9.5 Is-Sinjura Anna Calleja nfurmat lill-membri preżenti li kienet attendiet konferenza organizzata mill-Aġenzija Żgħażagħ. Ir-rakkomandazzjoni tagħhom kienet li jkun hemm *data* taż-żgħażagħ fil-lokalità. Barra minn hekk ġiet diskussa l-possibilità li matul l-attivitajiet tal-Kunsill jiġu mistiedna s-Sedqa kif ukoll l-Aġenzija Żgħażagħ. Is-Sinjura Anna Calleja qalet li din il-konferenza kienet interessanti.

584.9.6 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li kienet ser terġa' tiġi organizzata l-mixgħela fiċ-ċimiterju mingħajr ebda spiża għall-Kunsill.

**584.10 Mozzjonijiet**

584.10.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub.

**584.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

584.11.1 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tlieta 31 ta' Ottubru, 2023 fis-6.00 ta' filgħaxija.

584.11.2 Il-laqgħa spiċċat fit-8.05 ta' filgħaxija.

IFFIRMATA

Stephanie Testaferrata de Noto
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fil-585 laqgħa li saret nhar it-Tlieta 31 ta' Ottubru, 2023.

IFFIRMATA

Jorge Grech
Sindku